

Dispożittiv

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku, għandu jiġi interpretat fis-sens li, għad-determinazzjoni tal-bażi ta' taxxa tal-birer aromatizzati skont l-iskala Plato, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-estratt niexef tal-wort oriġinali mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aromi u x-xropp taz-zokkor miżjuda wara li ssir il-fermentazzjoni.

(¹) ĠU C 161, 22.5.2017

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-17 ta' Mejju 2018 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgericht Berlin – il-Ġermanja) – Evonik Degussa GmbH vs Bundesrepublik Deutschland

(Kawża C-229/17) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Ambjent — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra fl-Unjoni Ewropea — Allokazzjoni mingħajr ħlas — Direttiva 2003/87/KE — Artikolu 10a — Anness I — Deċiżjoni 2011/278/UE — Il-punt 2 tal-Anness I — Determinazzjoni tal-parametri referenzjarji tal-prodotti — Produzzjoni tal-idroġenu — Limiti tas-sistema tal-parametru referenzjarju ta' prodott għall-idroġenu — Proċess ta' separazzjoni tal-idroġenu minn fluss ta' gass arrikkit li diġà fih l-idroġenu)

(2018/C 240/08)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Evonik Degussa GmbH

Konvenuta: Bundesrepublik Deutschland

Dispożittiv

Il-punt 2 tal-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandu jiġi interpretat fis-sens li proċess, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ma jippermettix il-produzzjoni, permezz ta' sinteżi kimika, tal-idroġenu, iżda li jippermetti biss l-iżolament ta' din is-sustanza li hija diġà inkluża f'taħlita gassuża ma jidħolx fil-limiti tas-sistema tal-parametru referenzjarju ta' prodott għall-idroġenu. Is-sitwazzjoni tkun differenti kieku dan il-proċess, minn naħa, kien relatat mal-"produzzjoni tal-idroġenu", fis-sens tal-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, kif emendata bid-Direttiva 2009/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 u, min-naħa l-oħra, kieku kien teknikament marbut miegħu.

(¹) ĠU C 256, 7.8.2017.